**Nru. 1083**

**MINISTERU GĦAR-RIŻORSI U AFFARIJIET RURALI**

**Il-Bumunqar Aħmar tal-Palm, *Rhynchophorus Ferrugineus (Olivier)* f'Malta**

SKONT Taqsima V (Trażżin u Eradikazzjoni ta' Organiżmi li jagħmlu l-Ħsara lill-Pjanti) tal-Att dwar il-Kwarantina tal-Pjanti, (Kap. 433) tal-Liġijiet ta' Malta, u Artikolu 6 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar Miżuri ta' Emerġenza għall-Prevenzjoni tal-Introduzzjoni u t-Tixrid fil-Komunità tar-*Rhynchophorus Ferrugineus (Olivier)*, il-gżira sħiħa ta' Għawdex qed tiġi definita bħala żona demarkata għall-Bumunqar Aħmar tal-Palm. Id-Direttorat għas-Saħħa tal-Pjanti fi ħdan il-Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali se jieħu l-azzjonijiet neċessarji biex jiġi kkontrollat dan l-organiżmu.

Is-26 ta' Ottubru, 2012

**No. 1083**

**MINISTRY FOR RESOURCES AND RURUAL AFFAIRS**

**Red Palm Weevil, *Rhynchophorus Ferrugineus* (Olivier) in Malta**

ACCORDING to Part V (Containment and Eradication of Plant Pests) of the Plant Quarantine Act (Cap. 433) of the Laws of Malta, and Article 6 of the Commission Decision 2007/365/EC on Emergency Measures to Prevent the Introduction into and the Spread within the Community of *Rhynchophorus Ferrugineus (Olivier)* and its amendments, the island of Gozo is being defined as a demarcated area for Red Palm Weevil. The Plant Health Directorate within the Ministry for Resources and Rural Affairs is taking the necessary actions to control this harmful organism.

26th October, 2012

**Nru. 1084**

**L-AWTORITÀ TA' MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR**

**Eżenzjoni minn Studju tal-Impatt Ambjentali**

SKONT ir-Regolament 3(8) tar-Regolamenti tal-2007 dwar l-Istima tal-Impatt fuq l-Ambjent (Avviż Legali 114 ta' 2007), u minħabba li l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar jidhrilha li l-proposta mhux probabbli li jkollha impatti sinjifikanti fuq l-ambjent, id-Direttur għall-Ħarsien tal-Ambjent jaqbel li l-proposta ma teħtieġx Studju dwar l-Impatt Ambjentali (EPS).

Id-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) li ġiet ippreżentata bħala parti mill-applikazzjoni kkunsidrat b'mod suffiċjenti l-kwistjonijiet li jolqtu l-ambjent u għaldaqstant it-tħejjija ta' studju dwar l-impatt ambjentali mhux se żżid informazzjoni ġdida peress li l-Awtorità għandha l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex tiddeċiedi dwar din l-applikazzjoni. Skont l-informazzjoni li ġiet ippreżentata fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) u fil-valutazzjoni li saret skont l-Iskeda IB tal-istess Regolamenti, ma jidhirx li l-proposta se jkollha impatti sinifikanti fuq l-ambjent.

Ġustifikazzjoni dettaljata tinstab hawn taħt:

| | |
|---|---|
| Numru ta' Riferenza: | PA02854/09 |
| Post: | Sit f' Ta' Ġbula, Triq Il-Pitiross, Il-Gudja, Malta |
| Proposta: | Proposta għal dar tax-xjuħ |

Dawn l-effetti potenzjali fuq l-ambjent, flimkien ma' numru ta' miżuri biex jitaffa l-impatt, ġew identifikati fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) li kien sottomess lill-Awtorità fit- 3 ta' Ottubru 2012 u fil-ġustifikazzjoni għall-eżenzjoni

**No. 1084**

**MALTA ENVIRONMENT AND PLANNING AUTHORITY**

**Exemption of Environmental Planning Statement**

IN conformity with Regulation 3(8) of the Environmental Impact Assessment Regulations (Legal Notice 114 of 2007), and in view of the fact that MEPA has determined that the proposal is unlikely to have significant environmental impacts, the Director of Environment Protection agrees that the proposal does not require the preparation of an Environmental Planning Statement (EPS).

The Project Description Statement (PDS) presented as part of the application has considered the environmental issues in a sufficient manner such that the preparation of an EPS would not add any new information and MEPA has all the necessary information to determine the application. From the information presented in the PDS and screening according to Schedule IB of the same Regulations, the proposal is not likely to have significant environmental effects.

A detailed justification is presented below:

| | |
|---|---|
| Reference Number: | PA02854/09 |
| Location: | Site at Ta' Ġbula, Triq Il-Pitiross, Gudja, Malta |
| Proposal: | Proposed old people's home |

The following potential environmental impacts were identified and mitigation measures proposed in the Project Description Statement (PDS) submitted to MEPA on the 3rd October 2012 and the justification for proposal from carrying

mill-Istudju dwar l-Impatt Ambjentali li ġiet sottomessa fit-3 ta’ Ottubru 2012.

L-impatti potenzjali fuq l-ambjent flimkien ma’ numru ta’ miżuri biex jittaffa l-impatt ġew identifikati fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) sottomess lill-Awtorità fit-30 ta’ Ottubru, 2007.

out an Environmental Impact Assessment (EIA) submitted on 3rd October 2012.

Notwithstanding the above, the Malta Environmental and Planning Authority reserves the right to request the applicant to submit additional information as may be necessary to determine the application.

| **Impatti potenzjali**<br>***Potential Impact*** | **Rimarki fuq miżuri biex jittaffa l-impatt, eċċ.**<br>***Remarks on mitigation measures, etc.*** |
|---|---|
| Ħolqien ta’ skart | Il-proġett se jiġġenera l-iskart kemm waqt il-kostruzzjoni kif ukoll waqt l-operat. Matul il-fażi tal-kostruzzjoni, se jinħoloq skart inert, madankollu l-kwantitajiet x’aktarx li jkunu żgħar. Il-ħamrija li se titneħħa se titqiegħed f’partijiet oħra tas-sit jew inkella se terġa’ tintuża ’l barra mis-sit skont ma jkun approvat mill-awtoritajiet rilevanti. L-iskart prodott waqt l-operat se jintrema skont il-proċeduri stabbiliti għall-immaniġġar tal-iskart. Kull materjal/skart perikoluż mhux ser jinħażen fuq is-sit u se jiġi rregolat permezz ta’ reġistrazzjoni ambjentali. |
| *Waste generation* | *The project will generate waste during both construction and operation. During the construction phase, inert waste will be generated however quantities are likely to be minimal. Cleared soil will either be shifted to other parts of the development site itself or reused off-site as approved by the relevant authorities. Municipal waste produced during operation will be disposed of in accordance with established waste management procedures. Any hazardous material/waste will not be stored on site and will be regulated through an environmental registration.* |
| Impatt fuq il-kwalità tal-arja | Waqt il-kostruzzjoni, huwa mistenni li jitqanqlu xi trabijiet mit-tindif u t-tħaffir tas-sit, u li se jkun hemm xi emissjonijiet ta’ NOx mill-inġenji. Madankollu, l-ebda impatt sinifikanti m’hu mistenni dment li r-Regolamenti fuq il-Ġestjoni Ambjentali ta’ Sit tal-Kostruzzjoni (Avviż Legali 295 ta’ 2007) jiġu osservati. Waqt l-operat, se jinħolqu emissjonijiet ta’ NOx mit-traffiku operattiv iżda minħabba l-iskala tal-proġett, il-proposta mhux mistennija li se tiġġenera ammonti sinjifikanti ta’ traffiku. |
| *Impact on air quality* | *During construction, fugitive dust from site clearance and excavation, and NOx from construction vehicles, are expected. However, no significant impact is envisaged as long as the Environmental Management Construction Site Regulations (Legal Notice 295 of 2007) are adhered to. During operation, NOx will be generated by operational traffic but given its scale, the proposal per se will not generate significant amounts of traffic.* |
| Storbju u vibrazzjonijiet | L-istorbju u l-vibrazzjonijiet waqt il-kostruzzjoni huma mistennija li jiġu limitati għal dawk normalment assoċjati ma’ attivitajiet normali f’siti ta’ kostruzzjoni. Matul l-operat mhux mistenni li l-istorbju u l-vibrazzjonijiet ikunu sinifikanti meta jitqies it-tip ta’ proġett. |
| *Noise and vibrations* | *Noise and vibration during construction are expected to be limited to those typically associated with normal construction site activities. During operations, noise and vibration are not expected to be significant given the type of project.* |
| Impatti fuq il-wirt kulturali | L-iżvilupp propost huwa mdawwar minn numru ta’ siti li jistgħu jkollhom valur arkeoloġiku. L-iżvilupp għandu jikkunsidra li jistgħu jinstabu xi fdalijiet arkeoloġiċi fuq is-sit u għalhekk f’dan l-istadju jinħtieġ stħarriġ arkeoloġiku tas-sit in kwistjoni sakemm ma jkunx hemm struzzjonijiet differenti mis-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali. |
| *Impact on cultural heritage* | *The proposed development is surrounded by a number of archaeologically sensitive sites. The development should take into consideration that archaeological remains might be found on site and thus an archaeological survey of the site in question is required at this stage unless otherwise instructed by the Superintendence of Cultural Heritage (SCH).* |

| | |
|---|---|
| Impatt permezz ta' dawl | Matul il-lejl, huwa previst tidwil mill-bini u mill-mogħdijiet. Madankollu, il-ħruġ ta' dawl meta mqabbel mas-sitwazzjoni li diġà teżisti jista' jitnaqqas billi l-ammont ta' dawl matul il-lejl jinżamm mal-livelli minimi meħtieġa għal raġunijiet ta' sigurtà, u billi jintużaw fanali xierqa. |
| *Light pollution* | *During night time, lighting from the building and along pathways is envisaged. Nevertheless, light emissions above the current baseline situation may be reduced by limiting nocturnal lighting to the minimum required for security purposes, and through use of appropriate luminaries.* |

Minkejja dan imsemmi hawn fuq, l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar iżżomm id-dritt li titlob lill-applikant li jissottometti informazzjoni addizzjonali kif jista' jkun meħtieġ biex tiddeċiedi l-applikazzjoni.

Is-26 ta' Ottubru, 2012

Notwithstanding the above, the Malta Environmental and Planning Authority reserves the right to request the applicant to submit additional information as may be necessary to determine the application.

26th October, 2012

**Nru. 1085**

**AWTORITA TA' MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR)**

**Applikazzjoni li għandha bżonn Stima tal-Impatt Ambjentali**
**Avviż skont l-Artikolu 8(5) tar-Regolamenti dwar l-Istima tal-Impatt fuq l-Ambjent (Avviż Legali 114 tal-2007)**

L-APPLIKAZZJONI hawn taħt imsemmija teħtieġ stima tal-impatt ambjentali. L-applikazzjoni hi miġbura skont il-lokalità u tinkludi n-numru tal-applikazzjoni, it-titlu tal-iżvilupp u l-isem tal-applikant. Il-pubbliku jista jara l-applikazzjoni hawn taħt imsemmija fl-uffiċċju tal-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, Floriana waqt il-ħinijiet tax-xogħol.

Il-pubbliku hu mistieden jibgħat kummenti bil-miktub lill-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar dwar materji li jkun jixtieq li jiġu nklużi fl-Istima tal-Impatt Ambjentali. Is-sottomissjonijiet għandu jkollhom id-dettalji tal-applikazzjoni kif jidhru hawn taħt. Il-kummenti għandhom jaslu l-Awtorità sa tliet ġimgħat mid-data ta' dan l-avviż. Aktar informazzjoni tinsab fuq il-*website* tal-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar: (http://www.mepa.org.mt/permitting-ea-main). Sottomissjonijiet jintlaqgħu wkoll fuq: (eiamalta@mepa.org.mt). Dawn is-sottomissjonijiet għandom jingħataw dan it-titlu: Sottomissjoni dwar l-EIA relatat ma' PA 05987/08 (GF 00154/08).

| | | |
|---|---|---|
| Triq Dun Karm,<br>L-Iklin, Malta | PA 05987/08<br>(GF 00154/08) | Proposta għall-kostruzzjoni ta' *fuel station* u bini ta' faċilitajiet ančillari.<br><br>Is-Sur Carmelo Falzon, għall-Falzon Group |

Is-26 ta' Ottubru, 2012

**No. 1085**

**MALTA ENVIRONMENT AND PLANNING AUTHORITY**

**Application that Requires an Environmental Impact Assessment**
**Notice in accordance with Article 8(5) of the Environmental Impact Assessment (2007) Regulations (Legal Notice 114/2007)**

THE following development permit application is subject to an Environmental Impact Assessment. The application is set out by locality and includes the MEPA number, title of the development and the name of the applicant. Copies of this application can be seen at the offices of the Malta Environment and Planning Authority in Floriana.

The public is advised to submit in writing to the Malta Environment and Planning Authority, St. Francis Ravelin, Floriana, any issues it wishes to see included in the Environmental Impact Assessment. Submissions should contain details of the application as given below. All submissions are to reach the Malta Environment and Planning Authority within 3 weeks from this notice via mail or via e-mail on: (eiamalta@mepa.org.mt) and should be clearly labelled with the following title: EIA submission on PA 05987/08 (GF 00154/08). More information can be obtained from the MEPA website:( http://www.mepa.org.mt/permitting-ea-main).

| | | |
|---|---|---|
| *Triq Dun Karm,*<br>*L-Iklin, Malta* | *PA 05987/08*<br>*(GF 00154/08)* | *Construction of fuel station and ancillary facilities*<br><br>Mr Carmelo Falzon, o.b.o. Falzon Group |

26th October, 2012